Nru. 17,507
Prezz 64c
Price 64c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 25 ta' Novembru, 2003
Tuesday, 25th November, 2003

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

Anno Domini 2003 Nru. XV

Anno Domini 2003 No. XV

Proklama

MILL-PRESIDENT TA' MALTA

(L.S.)

(Iff.) Guido de Marco
President

BILLI bis-saħħa ta' l-artikolu 2 ta' l-Att dwar il-Protezzjoni ta' l-Erarju (Kapitolu 62), huwa provdut li kull meta jingħata avviż minn Ministru lill-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati ta' Abbozz ta' Liġi dwar l-impożizzjoni ta' dazju ġdid jew dwar żieda ta' dazju li ġa' hemm, dan id-dazju ġdid jew din iż-żieda ta' dazju għandhom jittieħdu u jinġabru mill-Awtorità li tiġi stabbilita fl-Abbozz minn dak in-nhar li tiġi maħruġa Proklama biex tgħarraf li ħareġ avviż kif jingħad hawn fuq;

JIENA, GĦALHEKK, qiegħed b'dan nipproklama illi avviż ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ Att biex jimplimenta diversi miżuri ta' l-Estimi u miżuri amministrattivi oħra u li għandu bħala skop l-impożizzjoni ta' dazji ġodda u ż-żieda ta' dazji eżistenti ġie mogħti mill-Ministru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi lill-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati u li kopja ta' dak l-Abbozz ġiet ippreżentata għand l-Iskrivan tal-Kamra tad-Deputati;

Iżda mingħajr preġudizzju għad-dħul fis-seħħ minnufih ta' din il-Proklama għar-rigward ta' kull ħaġa li hemm ipprovdut li dwarha data aktar tard hi provduta fl-Abbozz għall-bidu fis-seħħ, din il-Proklama għandha tibda fis-seħħ fir-rigward ta' dik il-ħaġa fid-data kif provdut fl-Abbozz.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, 24 ta' Novembru, 2003.

B'Awtorità,

(Iff.) Eddie Fenech Adami
Prim Ministru

Proclamation

BY THE PRESIDENT OF MALTA

(L.S.)

(Sd.) Guido de Marco
President

WHEREAS by virtue of article 2 of the Revenue (Safeguard) Act (Chapter 62), it is provided that whenever notice is given by a Minister to the Clerk of the House of Representatives of a Bill having for its object the imposition of a new duty or the increase of an existing duty, such new duty or increase of duty shall be levied and collected by the Authority designated in the Bill as from the day on which a Proclamation is issued to the effect that the said notice has been given;

NOW, THEREFORE, I do hereby proclaim that notice of a Bill entitled An Act to implement various Budget measures and other administrative measures and having as its object the imposition of new duties and the increase of existing duties, has been given by the Minister of Finance and Economic Affairs to the Clerk of the House of Representatives and that a copy of such Bill has been filed with the Clerk of the House of Representatives;

Provided that without prejudice to the immediate coming into force of this Proclamation with respect to any matter in respect of which a later date is provided in the Bill for its coming into force the present Proclamation shall come into force with respect to such matter as from the date provided in the Bill.

Made at the Palace, Valletta, this 24th day of November, 2003.

By Authority,

(Sd.) Eddie Fenech Adami
Prime Minister

ANNO DOMINI 2003 NRU. XVI

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT
(L.S.) TA' MALTA

(Iff.) GEORGE HYZLER
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President ikun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilu bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap ta' l-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President huwa assenti minn Malta;

U BILLI fil-25 ta' Novembru, 2003, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President ikun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 ta' l-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, GEORGE HYZLER, K.O.M., TABIB, qiegħed hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skond l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, 25 ta' Novembru, 2003.

B'Awtorità.

(Iff.) EDDIE FENECH ADAMI
Prim Ministru

ANNO DOMINI 2003 NO. XVI

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT
(L.S.) OF MALTA

(Sd.) GEORGE HYZLER
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon him by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 25th day of November, 2003, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, GEORGE HYZLER, K.O.M., DOCTOR OF MEDICINE, do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at the Palace, Valletta, this 25th day of November, 2003.

By Authority.

(Sd.) EDDIE FENECH ADAMI
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1100

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. XV ta' l-2003 imsejjaħ l-Att ta' l-2003 dwar ir-ristrutturar tat-Tarznari.

Il-25 ta' Novembru, 2003

Nru. 1101

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,504 u 17,506 tat-18 u tal-21 ta' Novembru, 2003, rispettivament.

A.L. Nru. 353 ta' l-2003: Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji (Att Nru. XXIII ta' l-2001); Regolamenti ta' l-2003 dwar Verifiki Veterinarji u Żootekniċi applikabbli fil-Kummerċ ma' Stati Membri ta' Ċerti Annimali Ħajjin u Prodotti.

A.L. Nru. 354 ta' l-2003: Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji (Att Nru. XXIII ta' l-2001); Regolamenti ta' l-2003 dwar Verifiki Veterinarji applikabbli fil-Kummerċ Intra-Kommunitarju ma' Stati Membri ta' Prodotti ta' l-Annimali.

A.L. Nru. 355 ta' l-2003: Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji (Att Nru. XXIII ta' l-2001); Regolamenti ta' l-2003 li Jistabbilixxi l-Prinċipji li Jirregolaw l-Organizzazzjoni ta' Verifiki Veterinarji fuq Annimali li jidħlu fil-Kommunità minn pajjiżi terzi minn postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera ġewwa t-territorju ta' Malta.

A.L. Nru. 356 ta' l-2003: Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji (Att Nru. XXIII ta' l-2001); Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Prinċipji li jirregolaw l-Organizzazzjoni tal-Verifiki Veterinarji fuq Prodotti li jidħlu fit-Territorju ta' Malta minn Pajjiżi Terzi.

A.L. Nru. 357 ta' l-2003: Att ta' l-2003 dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Att Nru. XII ta' l-2003); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

A.L. Nru. 358 ta' l-2003: Att ta' l-2003 dwar il-Mediċini (Att Nru. III ta' l-2003); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

A.L. Nru. 359 ta' l-2003: Att ta' l-2003 dwar il-Mediċini (Att Nru. III ta' l-2003); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

A.L. Nru. 360 ta' l-2003: Ordinanza dwar id-Drittijiet (Kap. 35); Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Prezzijiet għad-Demm u Prodotti tad-Demm għall-Kliniċi Privati.

A.L. Nru. 361 ta' l-2003: *Merchant Shipping Act (Cap. 234); Merchant Shipping (Limitation of Liability for Maritime Claims) Regulations, 2003.*

GOVERNMENT NOTICES

No. 1100

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XV of 2003 entitled the Dockyard and Shipbuilding Yard (Restructuring) Act, 2003.

25th November, 2003

No. 1101

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 17,504 and 17,506 of the 18th and the 21st November, 2003, respectively.

L.N. No. 353 of 2003: Veterinary Services Act, 2001 (Act No. XXIII of 2001); Veterinary and Zootechnical Checks applicable in Trade with Member States in certain Live Animals and Products Regulations, 2003.

L.N. No. 354 of 2003: Veterinary Services Act (Act No. XXIII of 2001); Veterinary Checks applicable in Intra-Community Trade with Member States in Animal Products Regulations, 2003.

L.N. No. 355 of 2003: Veterinary Services Act, 2001 (Act No. XXIII of 2001); Principles Governing the Organisation of Veterinary Checks on Animals Entering the Community from Third Countries Via Border Inspection Posts of the Territory of Malta Regulations, 2003.

L.N. No. 356 of 2003: Veterinary Services Act, 2001 (Act No. XXIII of 2001); Principles Governing the Organisation of Veterinary Checks on Products Entering the Territory of Malta from Third Countries Regulations, 2003.

L.N. No. 357 of 2003: Health Care Professions Act, 2003 (Act No. XII of 2003); Commencement notice.

L.N. No. 358 of 2003: Medicines Act, 2003 (Act No. III of 2003); Commencement notice.

L.N. No. 359 of 2003: Medicines Act, 2003 (Act No. III of 2003); Commencement notice.

L.N. No. 360 of 2003: Fees Ordinance (Cap. 35); Private Clinics (Prices for Blood and Blood products) Regulations, 2003.

L.N. No. 361 of 2003: Merchant Shipping Act (Cap. 234); Merchant Shipping (Limitation of Liability for Maritime Claims) Regulations, 2003.

A.L. Nru. 362 ta' l-2003: Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali (Kap. 365); Regolamenti ta' l-2003 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Sanzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-Liberja (Emenda Nru. 2).

A.L. Nru. 363 ta' l-2003: Ordinanza dwar id-Dfin (Kap. 17); Ordni għall-Prezzijiet Pagabbli għall-Akkwist ta' Oqbra u Siti ta' Oqbra, 2003.

A.L. Nru. 364 ta' l-2003: Att dwar l-Awtorità tat-Trasport ta' Malta (Kap. 332); Regolamenti ta' l-2003 dwar *Standards* ta' Disinn u Kostruzzjoni għal Xogħlijiet fit-Triq.

A.L. Nru. 365 ta' l-2003: Att li Jirregola Fondi Speċjali (Kap. 450); Regolamenti ta' l-2003 dwar Fondi Speċjali (Reġistrazzjoni ta' Kustodji ta' Fond għal min Jirtira).

A.L. Nru. 366 ta' l-2003: Att li Jirregola Fondi Speċjali (Kap. 450); Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Kontroll ta' l-Assi fil-Fondi Speċjali.

A.L. Nru. 367 ta' l-2003: Att li Jirregola Fondi Speċjali (Kap. 450); Regolamenti ta' l-2003 dwar Fondi Speċjali (Drittijiet ta' Reġistrazzjoni).

A.L. Nru. 368 ta' l-2003: Att dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370); Regolamenti ta' l-2003 għal Skema ta' Kumpens lill-Investitur.

A.L. Nru. 369 ta' l-2003: Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371); Regolamenti ta' l-2003 dwar Skema ta' Kumpens lid-Depożitant.

A.L. Nru. 370 ta' l-2003: Att dwar Swieq Finanzjarji (Kap. 345); Regolamenti ta' l-2003 dwar Swieq Finanzjarji (Emenda ta' l-Iskeda).

A.L. Nru. 371 ta' l-2003: Att ta' l-2003 dwar is-Saħħa Pubblika (Att Nru. XIII ta' l-2003); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

A.L. Nru. 372 ta' l-2003: Att ta' l-2003 dwar il-Mediċini (Att Nru. III ta' l-2003); Regolamenti ta' l-2003 dwar Ħlasijiet għal Awtorizzazzjonijiet għat-Tqegħid fis-Suq.

A.L. Nru. 373 ta' l-2003: Att ta' l-2002 dwar l-Awtorità Maltija dwar l-I*standards* (Kap. 419); Regolamenti ta' l-2003 dwar Proċedura għall-Provvediment ta' Informazzjoni.

Il-25 ta' Novembru, 2003

L.N. No. 362 of 2003: National Interest (Enabling Powers) Act (Cap. 365); United Nations Sanctions (Liberia) (Amendment) (No. 2) Regulations, 2003.

L.N. No. 363 of 2003: Burials Ordinance (Cap. 17); Prices Payable for the Acquisition of Graves and Grave Sites Order, 2003.

L.N. No. 364 of 2003: Malta Transport Authority Act (Cap. 332); Road Works (Design and Construction) Standards Regulations, 2003.

L.N. No. 365 of 2003: Special Funds (Regulation) Act (Cap. 450); Special Funds (Registration of Retirement Fund Custodians) Regulations, 2003.

L.N. No. 366 of 2003: Special Funds (Regulation) Act (Cap. 450); Special Funds (Control of Assets) Regulations, 2003.

L.N. No. 367 of 2003: Special Funds (Regulation) Act (Cap. 450); Special Funds (Registration Fees) Regulations, 2003.

L.N. No. 368 of 2003: Investment Services Act (Cap. 370); Investor Compensation Scheme Regulations, 2003.

L.N. No. 369 of 2003: Banking Act (Cap. 371); Depositor Compensation Scheme Regulations, 2003.

L.N. No. 370 of 2003: Financial Markets Act (Cap. 345); Financial Markets (Amendment of Schedule) Regulations, 2003.

L.N. No. 371 of 2003: Public Health Act, 2003 (Act No. XIII of 2003); Commencement notice.

L.N. No. 372 of 2003: Medicines Act, 2003 (Act No. III of 2003); Marketing Authorisation (Fees) Regulations, 2003.

L.N. No. 373 of 2003: Malta Standards Authority Act (Cap. 419); Notification Procedure Regulations, 2003.

25th November, 2003

Nru. 1102

TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

NGĦARRFU illi skond l-Att dwar it-Tribunal għal Talbiet Żgħar (Nru. V ta' l-1995), il-President ta' Malta, fl-14 ta' Novembru 2003, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva l-ħatra ta' l-Avukat Dott. Peter Borg Costanzi, LL.D., bħala Ġudikatur fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar għal perjodu ta' ħames snin.

L-24 ta' Novembru, 2003
(OPM/233/95)
(MJ/1/93/II/49)

No. 1102

SMALL CLAIMS TRIBUNAL

IT is notified that in terms of the Small Claims Tribunal Act (No. V of 1995), the President of Malta, on 14th November 2003, acting on the advice of the Prime Minister, approved the appointment of Advocate Dr Peter Borg Costanzi, LL.D., as Adjudicator in the Small Claims Tribunal for a period of five years.

24th November, 2003

Nru. 1103

FORZI ARMATI TA' MALTA

L-AĠENT President ta' Malta għoġbu japprova l-irtirar tal-Maġġur Ronald Xuereb mill-*Active List* tar-Riżerva Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta, b'seħħ mill-21 ta' Novembru, 2003.

Il-25 ta' Novembru, 2003
OPM/33/87/II

No. 1103

ARMED FORCES OF MALTA

THE ACTING President of Malta has been pleased to approve the retirement of Major Ronald Xuereb from the Active List of the Armed Forces of Malta Regular Force, with effect from the 21st November, 2003.

25th November, 2003

Nru. 1104

ĦATRA TA' DIRETTURI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, hatar lill-uffiċjali pubbliċi msemmija hawn taħt fil-kariga ta' Direttur, kif jidher hawn taħt:

No. 1104

APPOINTMENT OF DIRECTORS

IN exercise of the powers vested in him by section 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister, after consultation with the Public Service Commission, has appointed the under-mentiond public officers to the position of Director, as shown hereunder:

		Data Effettiva *Effective Date*
MINISTERU TAL-FINANZI U L-AFFARIJIET EKONOMIĊI *MINISTRY OF FINANCE AND ECONOMIC AFFAIRS*		
Taqsima tad-Dwana *Customs Division*		
Mr Paul Scerri	Direttur (Osservanza) *Director (Compliance)*	20.10.2003
Mr Spiridione Galea	Direttur (Infurzar) *Director (Enforcement)*	20.10.2003
Taqsima tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud *Value Added Tax Division*		
Mr James Farrugia, FMIT	Direttur (Affarijiet Internazzjonali u Legali) *Director (International and Legal Affairs)*	10.11.2003
MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN *MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS*		
Mr Natalino Attard, B.A. (Socio Legal Studies), L.P., M.Jur. (Eur. & Comp. Law), M.B.A. (Henley)	Direttur (Gvern Lokali) *Director (Local Government)*	12.11.2003
MINISTERU TA' L-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT *MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT*		
Taqsima ta' l-Agrikoltura u Żvilupp Rurali *Agricultural Services and Rural Development Division*		
Mr Anthony Meli, B.Bus (Agric.), (W.A.I.T.), P.G.Dip.Env.Mgmt., MPhil (Dundee), CPAg.	Direttur (Żvilupp Rurali) *Director (Rural Development)*	12.11.2003

Nru. 1105

ĦATRA TA' DIRETTURI

Emenda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1044 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,500 tal-11 ta' Novembru, 2003, il-verżjoni bil-Malti tan-nomenklatura ta' dawn elenkati hawn taħt kellha tkun kif ġej:

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U L-INFRASTRUTTURA
MINISTRY FOR RESOURCES AND INFRASTRUCTURE

Mr Victor Sant	Direttur (Servizzi Korporattivi u Implimentazzjoni ta' Programmi)

MINISTERU TAS-SAĦĦA
MINISTRY OF HEALTH

Dr Raymond Xerri M.D., M.Sc. (Lond)	Direttur (Żvilupp ta' *Policy* u Implimentazzjoni ta' Programmi)

MINISTERU GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ U KULTURA
MINISTRY FOR YOUTH AND THE ARTS

Mr John Demanuele	Direttur (Affarijiet dwar l-Unjoni Ewropea, Żvilupp ta' *Policy* u Implimentazzjoni ta' Programmi)

Il-25 ta' Novembru, 2003

No. 1105

APPOINTMENT OF DIRECTORS

Amendment

WITH reference to Government Notice No. 1044 published in the Government Gazette No. 17,500 dated 11th November, 2003, the Maltese version of the nomenclature of the persons listed hereunder should read as follows:

25th November, 2003

Nru. 1106

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ)

IL-PRIM Ministru approva l-hatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Anthony Camenzuli	Direttur Ġenerali *Director General*	Kummerċ *Commerce*	30.9.2003

Il-25 ta' Novembru, 2003

No. 1106

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

THE Prime Minister has approved the following acting appointment:–

25th November, 2003

Nru. 1107

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (SAĦĦA)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 1107

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (HEALTH)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Health has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Dr J.M. Cachia	Direttur Ġenerali *Director General*	Saħħa *Health*	28.11-09.12.2003
Dr J.M. Cachia	Direttur Ġenerali *Director General*	Saħħa *Health*	15-19.12.2003

Il-25 ta' Novembru, 2003

25th November, 2003

Nru. 1108

ATT DWAR IL-KUMMISSARJI GĦALL-ĠUSTIZZJA

(KAP. 291)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (11) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Kummissarji tal-Ġustizzja, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għażel lit-Tribunali Lokali li ġejjin bħala l-postijiet li fihom isiru s-seduti tal-Kummissarji għall-Ġustizzja b'seħħ mis-17 ta' Novembru, 2003.

Tribunal Lokali Birkirkara li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Triq Tumas Fenech, Birkirkara – biex jinstemgħu akkużi ta' kontravvenzjonijiet skedati li jkunu saru fil-lokalitajiet tal-Kunsilli Lokali ta' Attard, Balzan, Birkirkara, Dingli, Iklin, Lija, Mdina, Mtarfa, Rabat u Santa Venera

Tribunal Lokali Fgura li jinsab fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali Fgura, Triq il-Karmnu, il-Fgura – biex jinstemgħu akkużi ta' kontravvenzjonijiet skedati li jkunu saru fil-lokalitajiet tal-Kunsilli Lokali ta' Birgu, Bormla, Fgura, Isla, Kalkara, Marsaskala, Xgħajra u Żabbar .

Tribunal Lokali Għawdex li jinsab fil-Qrati tal-Maġistrati, Pjazza tal-Katidral, ir-Rabat, Għawdex - biex jinstemgħu akkużi ta' kontravvenzjonijiet skedati li jkunu saru fil-lokalitajiet kollha ta' Għawdex.

Tribunal Lokali Mosta li jinsab fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali Mosta, Ċentru Ċiviku, il-Mosta – biex jinstemgħu akkużi ta' kontravvenzjonijiet skedati li jkunu saru fil-lokalitajiet tal-Kunsilli Lokali ta' Għargħur, Mellieħa, Mġarr, Mosta, Naxxar u San Pawl il-Baħar.

Tribunal Lokali Msida li jinsab fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali Msida, 16A, Triq il-Knisja, l-Imsida – biex

No. 1108

COMMISSIONERS FOR JUSTICE ACT

(CAP. 291)

IN exercise of the powers conferred by subarticle (11) of article 4 of the Commissioners for Justice Act, the Minister for Justice and Home Affairs has designated the following Local Tribunals as the places where sittings of the Commissioners for Justice shall be held with effect from the 17th November, 2003.

Birkirkara Local Tribunal situated at the Civic Centre, Triq Tumas Fenech, Birkirkara – for the hearing of charges for scheduled offences committed in the localities of the Attard, Balzan, Birkirkara, Dingli, Iklin, Lija, Mdina, Mtarfa, Rabat and Santa Venera Local Councils.

Fgura Local Tribunal situated at the Administrative Offices of the Fgura Local Council, Triq il-Karmnu, Fgura – for the hearing of charges for scheduled offences committed in the localities of the Birgu, Bormla, Fgura, Isla, Kalkara, Marsaskala, Xgħajra and Żabbar Local Councils.

Gozo Local Tribunal situated at the Courts of Magistrates, Cathedral Square, Victoria, Gozo – for the hearing of charges for scheduled offences committed in all localities in Gozo.

Mosta Local Tribunal situated at the Administrative Offices of the Mosta Local Council, Civic Centre, Mosta – for the hearing of charges for scheduled offences committed in the localities of the Għargħur, Mellieħa, Mġarr, Mosta, Naxxar and San Pawl il-Baħar Local Councils.

Msida Local Tribunal situated at the Administrative Offices of the Msida Local Council, 16A, Triq il-Knisja,

jinstemgħu akkużi pendenti ta' kontravvenzjonijiet skedati li jkunu saru fil-lokalità tal-Kunsilli Lokali ta' Msida.

Tribunal Lokali Qormi li jinsab fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali Qormi, 229, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi – biex jinstemgħu akkużi ta' kontravvenzjonijiet skedati li jkunu saru fil-lokalitajiet tal-Kunsilli Lokali ta' Qormi, Siġġiewi, Żebbuġ, Msida, Ħamrun u Pietà.

Tribunal Lokali Sliema li jinsab fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill Lokali Sliema, Triq Depiro, Tas-Sliema – biex jinstemgħu akkużi ta' kontravvenzjonijiet skedati li jkunu saru fil-lokalitajiet tal-Kunsilli Lokali ta' Pembroke, Sliema, Swieqi, San Ġiljan, San Ġwann, Gżira u Ta' Xbiex.

Tribunal Lokali Valletta li jinsab fil-Qrati Ċivili, Triq ir-Repubblika, Valletta – biex jinstemgħu akkużi ta' kontravvenzjonijiet skedati li jkunu saru fil-lokalitajiet tal-Kunsilli Lokali ta' Floriana, Marsa u Valletta.

Tribunal Lokali Żejtun li jinsab fi Ġnien San Girgor, Triq id-Daħla ta' San Tumas, iż-Żejtun – biex jinstemgħu akkużi ta' kontravvenzjonijiet skedati li jkunu saru fil-lokalitajiet tal-Kunsilli Lokali ta' Għaxaq, Gudja, Marsaxlokk, Paola, Santa Luċija, Tarxien u Żejtun.

Tribunal Lokali Żurrieq li jinsab fiċ-Ċentru Ċittadin, Triq Matteolo Saliba, iż-Żurrieq – biex jinstemgħu akkużi ta' kontravvenzjonijiet skedati li jkunu saru fil-lokalitajiet tal-Kunsilli Lokali ta' Birzebbuġa, Kirkop, Luqa, Mqabba, Qrendi, Safi u Żurrieq.

Id-disposizzjonijiet tan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 193 tat-3 ta' Marzu, 2000, ma għadhomx japplikaw.

Il-25 ta' Novembru, 2003

Msida – for the hearing of pending charges for scheduled offences committed in the locality of Msida.

Qormi Local Tribunal situated at the Administrative Offices of the Qormi Local Council, 229, Triq il-Vitorja, Qormi – for the hearing of charges for scheduled offences committed in the localities of the Qormi, Siġġiewi, Żebbuġ, Msida, Ħamrun and Pietà Local Councils.

Sliema Local Tribunal situated at the Administrative Offices of the Sliema Local Council, Triq Depiro – for the hearing of charges for scheduled offences committed in the localities of the Pembroke, Sliema, Swieqi, San Ġiljan, San Ġwann, Gżira and Ta' Xbiex Local Councils.

Valletta Local Tribunal situated at the Civil Law Courts, Triq ir-Repubblika, Valletta – for the hearing of charges for scheduled offences committed in the localities of the Floriana, Marsa and Valletta Local Councils.

Żejtun Local Tribunal situated at Ġnien San Girgor, Triq id-Daħla ta' San Tumas, Żejtun – for the hearing of charges for scheduled offences committed in the localities of the Għaxaq, Gudja, Marsaxlokk, Paola, Santa Luċija, Tarxien and Żejtun Local Councils.

Żurrieq Local Tribunal situated at the Ċentru Ċittadin, Triq Matteolo Saliba, Żurrieq – for the hearing of charges for scheduled offences committed in the localities of the Birzebbugia, Kirkop, Luqa, Mqabba, Qrendi, Safi and Żurrieq Local Councils.

The provisions of Government Notice No. 193 of the 3rd March, 2000, shall no longer apply.

25th November, 2003

Nru. 1109

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 1109

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Lokali
Application for licence of Local Wardens

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Joseph Cauchi	215585 (M)	"Seven Oaks", Triq Santa Marija, Magħtab, Naxxar

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
John Cuschieri	160955 (M)	2, Sqaq iż-Żenqa, Qormi
Norbert Ellul	373477 (M)	12, Triq Santa Marija, Birżebbuġa
Anthony Borg	219651 (M)	13, "Redeemer", Triq Carmelo Robinich, Paola
Egidio Borg	330278 (M)	42, "Qalb ta' Ġesu", Triq Carmelo Robinich, Paola
Dominic Agius	429970 (M)	40, "Sapphire", Triq Antonio Azzopardi, Lija
Lino Abela	81961 (M)	21, "Casalian", Triq Blanche Huber, Sliema
Vincent Benetti	367656 (M)	"Sansiro", Flat 2, Triq Gaetano Vitale, Naxxar
Joseph Debono	344484 (M)	"St. Julians Court", Blokk A, Flat 1, Triq Birkirkara, San Ġiljan
Ryan Fenech	379085 (M)	74, "Antmar", Triq San Ġorġ, Qormi
Ruben Camilleri	153272 (M)	Flat 6, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Blokk D4, Ta' Xbiex
Edward Xuereb	102337 (M)	65, "St Paul's", Triq San Ġwann, Birżebbuġa
Julian Mula	478083 (M)	74, "Carmen Court", Flat 6, Triq il-Kapuċċini, San Ġwann
Joseph Cachia	389265 (M)	"Joe Dor", Triq Ninu Cremona, Paola

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Il-25 ta' Novembru, 2003

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

25th November, 2003

Nru. 1110

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 1110

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 433	Marika Farrugia	NIBE Beverages Ltd 64/1 Tal-Ħandaq New Street Qormi	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	15	19.11.03
CD/3209/2003 Pt 436	Lorraine Micallef	58, St. Paul's Street Dingli	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.021	19.11.03
CD/3209/2003 Pt 432	Alfred Dimech	21, Bordin Street Msida/Pietà	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.47 52.48.9 52.48.1	19.11.03
CD/3209/2003 Pt 430	Kurt Cachia	L'Aficionado 85, The Strand Sliema	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.25 52.11	19.11.03
CD/3209/2003 Pt 299	Martin Cardona	Martin Woodwork 2 N/S off Ħandaq Road Qormi	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	36.1	19.11.03

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 445	Joe Cossai	Cossai Triq A E Caruana Birkirkara	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.45 52.48.1 52.48.3	19.11.03
CD/3209/2003 Pt 457	Anthony Sammut Obo Northside Co Ltd	Video Mania 14 Mosta Road St Paul's Bay	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.13 52.48.3 52.45	19.11.03
CD/3209/2003 Pt 459	Sharon Abela	Bren Mar Triq il-Ħabberxa Marsascala	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.47 52.42 52.48.9	19.11.03
CD/3209/2003 Pt 460	David Camilleri	Cibarama 26/3, Victoria Flats Victoria Junction Sliema	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.13	19.11.03
CD/3209/2003 Pt 461	Emidio Friggieri	UWT International Ltd KW20B Industrial Estate Corradino	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	29	19.11.03

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Il-25 ta' Novembru, 2003

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

25th November, 2003

L-OGĦLA PREZZIJIET TA' SIGARETTI

Regolamenti ta' l-1972 dwar il-Kontroll tal-Bejgħ ta' Oġġetti, Regolament 3

Ordni Nru. 4

L-Aġent Direttur Ġenerali tal-Kummerċ jgħarraf illi l-ogħla prezzijiet li bihom sigaretti magħmulin lokalment jistgħu jinbiegħu għandhom, sakemm joħroġ Ordni ieħor, ikunu kif ġej:–

Qies	Dazju kull pakkett	Lill-Bejjiegħ bl-Ingrossa kull 1000 sigarett	Lill-Bejjiegħ bl-Imnut kull 200 sigarett	Lill-Konsumatur kull pakkett ta' 20
Size	*Excise duty per packet*	*To whole saler per 1000 cigarettes*	*To Retailer per 200 cigarettes*	*To consumer per packet of 20*
	Lm	Lm	Lm	Lm
72 mm (Normali/*Normal*)	0.81c5	62.55c5	12.67c4	1.30c0
84mm (Kbar/*Kingsize*)	0.89c5	69.45c6	14.07c7	1.45c0

L-Ordnijiet kollha ta' qabel li ma jaqblux ma' ta' hawn fuq huma b'dan imħassrin.

Il-25 ta' Novembru, 2003

MAXIMUM PRICES OF CIGARETTES

Sale of Commodities (Control) Regulations, 1972, Regulation 3

Order No. 4

The Acting Director General (Commerce) notifies that the maximum prices at which locally made cigarettes may be sold shall, until further Order, be as follows:–

All previous Orders inconsistent with the above are hereby repealed.

25th November, 2003

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 60 ta' l-2003

Survey Ġeografika bejn Malta u Sqallija

B'riferenza għall-Avviż lill-Baħħara Nru. 58 of 2003, ngħarrfu illi s-*survey* fil-Bajja tal-Balluta se tkun tikkonsisti wkoll f'*survey* minn għaddasa. L-għaddas se jkollu miegħu l-bastiment SEA LION 1, REG NO S – 11093.

Il-baħħara huma avżati biex ibaħħru b'kawtela u bil-mod waqt li jżommu ta' l-anqas 20 metru 'l bogħod mill-bastiment SEA LION 1.

Chart affettwata: BA 177.

Il-25 ta' Novembru, 2003

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 60 of 2003

Geographical Survey between Malta and Sicily

With reference to Notice to Mariners No 58 of 2003, it is notified that the survey inside Balluta Bay will also consist of a diving survey. The diver will be attended by the vessel SEA LION 1, REG NO S – 11093.

Mariners are instructed to navigate with caution and slow speed keeping a minimum of 20 metres away from the vessel SEA LION 1.

Chart Affected: BA 177.

25th November, 2003

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX ta' 1-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Avviż ta' Reġistrazzjoni

Ordni Nru. 20

Ngħarrfu b'dan illi s-Soċjetà li ġġib l-isem "ReCoop - the Restoration and Conservation Co-operative Ltd", u r-regoli tagħha ġew reġistrati mill-Bord tal-Koperattivi fl-14 ta' Novembru 2003, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 29 (1) ta' l-Att Numru XXX ta' l-2001.

Is-Sur Mario Falzon
A/Chairperson
Uffiċċju Ċentrali tal-Koperattivi

L-14 ta' Novembru, 2003
CB 34/79/92

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Notice of Registration

Order No. 20

It is hereby notified that the Society under the name "ReCoop - the Restoration and Conservation Co-operative Ltd" and its rules were definitely registered by the Co-operatives Board on the 14th November 2003, in accordance with the provisions of section 29 (1) of Act No. XXX of 2001.

Mr Mario Falzon
A/Chairperson
Central Office of Co-operatives

14th November, 2003

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX ta' 1-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Statut Emendat

Ordni Nru. 21

Ngħarrfu b'dan illi l-istatut ta' l-"Outlook Cooperative Society Limited" ġie aġġornat u konformi mal-liġi tal-koperattivi, Att Numru XXX ta' l-2001.

Is-Sur Mario Falzon
A/Chairperson
Bord tal-Koperattivi

L-14 ta' Novembru, 2003
CB 34/79/35

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Amended Statute

Order No. 21

It is hereby notified that the statute of "Outlook Cooperative Society Limited" has been updated and is in conformity with the co-operatives' law, Act Number XXX of 2001.

Mr Mario Falzon
A/Chairperson
Co-operatives Board

14th November, 2003

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX ta' 1-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Statut Emendat

Ordni Nru. 22

Ngħarrfu b'dan illi l-istatut tad-"Dwejra Boat-Rides Cooperative Limited" ġie aġġornat u konformi mal-liġi tal-koperattivi, Att Numru XXX ta' l-2001.

Is-Sur Mario Falzon
A/Chairperson
Bord tal-Koperattivi

L-14 ta' Novembru, 2003
CB 34/79/75

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-Operative Societies Act No. XXX of 2001)

Amended Statute

Order No. 22

It is hereby notified that the statute of "Dwejra Boat-Rides Cooperative Limited" has been updated and is in conformity with the co-operatives' law, Act Number XXX of 2001.

Mr Mario Falzon
A/Chairperson
Co-operatives Board

14th November, 2003

TREASURY CALENDAR FOR THE MONTH OF DECEMBER 2003

MONDAY	TUESDAY	WEDNESDAY	THURSDAY	FRIDAY
1	2 TB Tender Date	3	4	5 TB Issue of 91 days maturing 5 March 2004
8 **Public Holiday**	9 TB Tender Date	10	11	12 TB Issue of 91 days maturing 12 March 2004
15	16 TB Tender Date	17	18	19 TB Issue of 90 days maturing 18 March 2004
22	23 TB Tender Date	24	25 **Christmas Day**	26 TB Issue of 182 days maturing 25 June 2004
29	30 TB Tender Date	31		

TB denotes Treasury Bills

Notes: –

1. Treasury Bills Auctions are accepted every Tuesday and settled the following Friday.

2. When either of these days falls on a Public Holiday the event takes place on the first working day immediately before.

3. Interest is always calculated on the actual number of days involved.

4. Bids may be made on the application form (available from the Treasury) or by fax on a number registered with, and recognised by the Treasury.

5. Only bids which reach the Treasury (Tender Box or Fax Nos. 25967210) by 10.00 a.m. on the tender date will be accepted.

6. 28 days tenure minimum amount tender Lm100,000, other tenures Lm20,000 minimum.

7. With regard to the tenure the following days will apply:

1 month = 28 days 9 months = 273 days

3 months = 91 days 12 months = 364 days

6 months = 182 days

8. The tenderer shall accept any portion of the sum for which he has tendered at the same price per Lm100 as that for which he has tendered for the whole amount.

9. The persons whose tenders are accepted will be informed accordingly on the following day and payment must be made payable to the Accountant General by means of cash or cheques by not later than 10.00 a.m on the date on which the relative Bills are dated.

10. In the instance were Lm 50,000 and over is accepted, the amount due is to be effected by Bank transfer to the credit of the Public Account (Acc No. 40001 MTL-CACM-001-Q) with the Central bank. The value date is to be the issue date of the Treasury Bill. A copy of the relative bank transfer is to be furnished to the Treasury before 10.00 am on the date on which the relative Bills are dated.

11. Only offers with a definite price will be considered.

12. The Government reserves the right of not accepting any tender.

25th November, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Qabla fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' Qabla fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1. Il-post ta' Qabla għandu salarju ta' Lm4,645 fis-sena li jiżdied b'Lm152 fis-sena sa massimu ta' Lm5,557 (Skala Nru. 12). Persuna fil-grad ta' Qabla tiżdied fis-salarju għal Skala Nru. 10 (Lm5,235 x 175 - Lm6,285) meta tagħlaq ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċ enti.

2.2. Is-salarju ta' persuna fil-grad ta' Qabla li għandha l-*BSc (Midwifery)* huwa Lm5,235 fis-sena li jiżdied b'Lm175 fis-sena sa massimu ta' Lm6,285 (Skala Nru. 10). Persuna fil-grad ta' Qabla ggradwata tiżdied fis-salarju għal Skala Nru. 9 (Lm5,551 x 192 - Lm6,703) meta tagħlaq sentejn servizz fil-grad ta' Qabla ggradwata jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċjenti.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

4. Id-dmirijiet ta' Qabla jinkludu:-

a) provvediment ta' informazzjoni u pariri tajba dwar *Family Planning;*

b) sorveljanza meħtieġa, kura u pariri lin-nisa waqt it-tqala, il-ħlas u żmien ta' wara t-twelid;

ċ) twellid fuq responsabbiltà tagħha weħidha u t-tħaris ta' l-omm u t-tarbija li twieldet;

d) tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

5. Il-kandidati magħżula jkunu meħtieġa jaħdmu fuq bażi ta' *shift* li jinkludi xogħol bil-lejl skond *rosters* stabbiliti fid-Diviżjoni.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Midwife in the Health Division

The Public Service Commission invites applications for the posts of Midwife in the Health Division.

2.1. The post of Midwife carries a salary of Lm4,645 per annum rising by annual increments of Lm152 up to a maximum of Lm5,557 (Scale No. 12). A Midwife will progress to Scale No. 10 (Lm5,235 x 175 - Lm6,285) on completion of five years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.2. The salary of a Midwife in possession of a BSc (Midwifery) is Lm5,235 per annum rising by annual increments of Lm175 up to a maximum of Lm6,285 (Scale No. 10). A graduate Midwife will progress to Scale No. 9 (Lm5,551 x 192 - Lm6,703) on completion of two years service as graduate Midwife, subject to satisfactory performance.

2.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

4. The duties of a Midwife include:-

a) provision of sound Family Planning information and advice;

b) offering the necessary supervision, care and advice to women during pregnancy, labour and post natal period;

c) conducting deliveries on her own responsibility and caring for the mother and infant;

d) will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

5. The selected candidates will be required to perform duties on a shift basis including night duty according to the established rosters in the Division.

6. L-applikanti għandhom:–

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom ċertifikat li juri li huma rreġistrati bħala Qwiebel mal-Bord ta' l-Infermiera u Qwiebel;

(ċ) ikollhom Liċenza biex jipprattikaw il-*Midwifery* f'Malta;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (G.P. 47),* l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern, u jagħtu d-dettalji).

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

9. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għal dan il-post.

10. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

11. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, Floriana, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Jannar, 2004.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356 - 21 242 884.

13. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-25 ta' Novembru, 2003

6. Applicants must be:-

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of a certificate of registration as a Midwife with the Nursing and Midwifery Board;

(c) in possession of a Licence to practise Midwifery in Malta;

(d) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (G.P. 47); other applicants must produce a Police certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

10. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

11. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana, by not later than noon of Friday, 2nd January 2004.

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21 242 884.

13. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven (7) days.

25th November, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Consultant Clinical Haematologist* fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adattati u b'esperjenza għall-post ta' *Consultant Clinical Haematologist* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Is-salarju għall-post ta' *Consultant Clinical Haematologist* ikun ta' Lm9,950 fis-sena.

3.1. Il-ħatra li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.2. Il-persuna nominata tkun soġġetta għal ġimgħa ta' 40 siegħa fuq sitt ijiem u wara tkun tista' tissejjaħ fuq bażi ta' *roster*.

3.3. Il-ħinijiet tax-xogħol tal-persuna nominata mhux bilfors ikunu limitati għal dmirijiet ta' filgħodu, imma skond l-esiġenzi tas-servizz, sessjonijiet ta' wara nofsinhar, magħduda s-sessjonijiet ta' l-'out-patient', jistgħu jsiru skond l-arranġamenti approvati mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

3.4. Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm -il darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata tagħti s-servizzi tagħha fid-Dipartimenti tal-Mediċina u tal-Patoloġija. Hi taqa' taħt iċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Mediċina rigward risponsabbiltajiet kliniċi u taħt iċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Patoloġija dwar xogħol relatat mal-laboratorju tal-*Haematology*. Hi tkun trid tieħu sehem fl-attivitajiet tad-Dipartimenti tal-Mediċina u tal-Patoloġija u fil-programmi ta' taħriġ ta' l-istess dipartimenti kif meħtieġ.

5.2. Il-persuna nominata tkun responsabbli għall-provvediment ta' servizz dijanjostiku u terawpetiku speċjalizzat fil-*Haematology,* għat-tfal u għall-kbar, fl-Isptar San

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Consultant Clinical Haematologist in the Health Division

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced medical practitioners for the post of Consultant Clinical Haematologist in the Health Division.

2. The salary for the post of Consultant Clinical Haematologist is Lm9,950 per annum.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.2. The appointee will be conditioned to a 40-hour-six day week and may be on call thereafter on a roster basis.

3.3. The working hours of the appointee will not necessarily be limited to morning duties but, in accordance with the exigencies of the service, afternoon sessions, may have to be carried out as per arrangements approved by the Health Division.

3.4. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:-

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will be giving his/her services within the Departments of Medicine and Pathology and will be accountable to the Chairman of the Department of Medicine regarding clinical responsibilities and the Chairman of the Department of Pathology regarding work related to the Haematology Laboratory. He/she will be expected to take part in the activities of the Departments of Medicine and Pathology and to participate in the teaching programmes of the respective departments as required.

5.2. The appointee shall be responsible for the provision of a diagnostic and therapeutic specialist service in haematology, both adult and paediatric, to St.Luke's Hospital,

Luqa, fl-isptarijiet l-oħra u fis-servizzi tas-Saħħa pprovduti mill-Gvern fil-*policy* tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

Dan jinkludi:

a) provvediment ta' servizz ta' konsulent, kemm *outpatient* kif ukoll *inpatient* lill-pazjenti riferuti mill-*general practitioners* u mill-konsulenti oħra ta' l-isptar;

b) żvilupp ta' *outpatient clinics* (per eżempju ma' *oncologists*, *paediatricians* u speċjalisti oħra skond il-ħtieġa) u risponsabbiltà għat-tmexxija ta' *anticoagulant clinics;*

ċ) kura ta' pazjenti b'*haematological diseases* li jinħtieġu jidħlu l-isptar;

d) żvilupp, supervizzjoni u maniġġjar tal-*Haematology Laboratory;*

e) kontribut fit-twaqqif ta' mekkaniżmu xieraq għall-assigurazzjoni ta' kwalità fis-servizz u *medical audit*.

5.3. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li tagħmel regolarment sessjonijiet speċjalizzati fiċ-ċentri tas-saħħa skond programmi approvati dwar kura fil-komunità, u tista' wkoll tkun meħtieġa li tipprovdi servizz fi kwalunkwe estensjoni li tista' ssir fil-futur dwar is-servizzi tas-saħħa kif provdut taħt Skema Nazzjonali Komprensiva tas-Saħħa.

5.4. Il-persuna nominata, flimkien ma konsulenti oħra diġaà fil-post, trid tipprovdi *consultant cover* effettiv għall-*Clinical Haematology* waqt il-ħin tax-xogħol.

5.5. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta illi d-dixxiplina u l-prattika fis-sala (inkluż l-aspetti ta' l-iġjene) li jaffettwaw il-pazjenti taħt il-kura tagħha, ikunu ta' l-ogħla livell possibbli.

5.6. Il-persuna nominata trid tieħu sehem fit-tagħlim u taħriġ ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif ikun meħtieġ.

5.7. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta t-twettiq ta' programm kontinwu ta' taħriġ u edukazzjoni għall-i*staff* li jieħu ħsieb il-pazjenti taħt il-kariga tagħha.

5.8. Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

other hospitals and the Health Services provided by the Government within the policy of the Health Division.

This will include:

a) provision of a consultancy service, both outpatient and inpatient, to referrals from General Practitioners and other Hospital consultant teams;

b) development of joint outpatient clinics (e.g. with oncologists and with paediatricians and other specialists as necessary), and overall responsibility for the running of anticoagulant clinics;

c) care of patients with haematological diseases requiring admission to hospital;

d) further development supervision and management of the Haematology laboratory;

e) contribution to the establishment of appropriate mechanisms to ensure quality of service and medical audit.

5.3. The appointee may be required to hold regular specialised clinics in the health centres in accordance with approved community care programmes, and may also be required to provide service in any future extension of health services as provided under a comprehensive National Health Scheme.

5.4. The appointee, together with existing consultant staff, will be expected to provide effective consultant cover for Clinical Haematology during duty hours.

5.5. The appointee shall be responsible to ensure that ward discipline and practice (including aspects of hygiene) affecting patients under his/her care, are of the highest possible level.

5.6. The appointee will participate in undergraduate and postgraduate teaching and training as required.

5.7. The appointee shall be responsible to ensure the implementation of an ongoing (continuing) training and education programme in respect of the staff caring for the patients under his/her charge.

5.8. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

6. Applicants must:-

(a) be citizens of Malta;

(b) ikollhom Liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

(ċ) ikollhom:-

JEW

(i) evidenza ta' eliġibilità ta' reġistrazzjoni bħala *Specialist* fil-*Clinical Haematology* fl-Unjoni Ewropea;

JEW

(ii) kwalifiki ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Mediċina u fil-*Clinical Haematology (MRCP u MRCPath* jew kwalifiki ekwivalenti approvati) u sentejn esperjenza fil-grad ta' *Senior Registrar* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

JEW

(iii) kwalifiki ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Mediċina u fil-*Clinical Haematology* u ħames snin ta' esperjenza fl-ispeċjalità wara li jkunu ġabu l-imsemmijin kwalifiki ogħla ta' wara l-gradwazzjoni;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qattx kienu jaħdmu mal-Gvern u jagħtu dettalji).

7. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

9. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adattata għal dan il-post.

10. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*
http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment
jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Harper Lane, il-Furjana.

11. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *Curriculum Vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees,* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Harper Lane, il-Furjana, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Jannar 2004.

(b) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(c) be in possession of:-

EITHER

(i) evidence of eligibility for Specialist registration in Clinical Haematology in the European Union;

OR

(ii) higher postgraduate qualifications in Medicine and in Clinical Haematology (MRCP and MRCPath or approved equivalent qualifications) and two years experience in the grade of Senior Registrar in the Malta Public Service;

OR

(iii) higher postgraduate qualifications in Medicine and in Clinical Haematology and five years experience in the speciality following the attainment of the said higher postgraduate qualifications;

(d) be of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); other applicants must produce a Police certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

8. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

10. Application forms may either be downloaded from the following websites:
http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment
or obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

11. Applications together with a curriculum vitae and the names of two referees will be received in the first instance by the Director General at the Health Division, 6, Harper Lane, Floriana, by not later than noon of Friday, 2nd January 2004.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

13. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-25 ta' Novembru, 2003

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21 242 884.

13. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

25th November, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Economics Officer* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Economics Officer* fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

2. Il-post ta' *Economics Officer* għandu salarju ta' Lm5,235 fis-sena li jiżdied kull sena b'Lm175 sa massimu ta' Lm6,285 kull sena (Skala ta' Salarju 10).

2.1. Persuna fil-ħatra ta' *Economics Officer* titla' fi Skala 9 (Lm5,551 x Lm192 - Lm6,703) wara li tagħlaq sentejn servizz ta' servizz sodisfaċenti fil-grad.

2.2 Persuna fil-ħatra ta' *Economics Officer* titla' fil-grad ta' *Senior Economics Officer* fi Skala 8 (Lm5,903 x Lm209 - Lm7,157) wara għaxar (10) snin ta' servizz sodisfaċenti fil-grad jew tmien (8) snin jekk ikollha kwalifika *post-graduate* rikonoxxuta. Persuna fil-ħatra *Senior Economics Officer* titla' fi Skala 7 (Lm6,284 x Lm228 - Lm7,652) wara sentejn ta' servizz sodisfaċenti fil-grad.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija fuq bażi *full-time* u hija soġġetta għar-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, b'mod partikolari. Il-persuni maħtura jistgħu jiġu ttrasferiti skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

4. Id-dmirijiet ta' *Economics Officer* jinkludu:-

(a) għajnuna lis-*senior management* fil-preparazzjoni ta'

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Economics Officer in the Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Public Service Commission invites applications for the posts of Economics Officer in the Ministry for Rural Affairs and the Environment.

2. The salary for the post of Economics Officer is Lm5,235 per annum rising by annual increments of Lm175 up to a maximum of Lm6,285 (Salary Scale 10).

2.1 Subject to satisfactory performance, an Economics Officer will progress to Scale 9 (Lm5,551 x Lm192 - Lm6,703) on completion of two years service in the grade.

2.2 An Economics Officer will be promoted to the grade of Senior Economics Officer in Scale 8 (Lm5,903 x Lm209 - Lm7,157) on completion of ten (10) years service in the grade of Economics Officer, or eight (8) years if in possession of a recognized and appropriate post-graduate qualification, subject to satisfactory performance. A Senior Economics Officer will progress to Scale 7 (Lm6,284 x Lm228 - Lm7,652) on completion of two (2) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Ministry for Rural Affairs and the Environment in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

4. The duties of an Economics Officer include:-

(a) assistance to the senior management in the preparation

policies u pjanijiet ekonomiċi u finanzjarji f'dak li għandu x'jaqsam ma' rwoli u funzjonijiet tas-sezzjonijiet jew Dipartimenti partikolari;

(b) għajnuna lis-*senior management* fil-promozzjoni u fl-iffaċilitar ta' ko-operazzjoni inter-dipartimentali, kollaborazzjoni u bdil ta' informazzjoni fejn għandhom x'jaqsmu x-xejriet u l-indikaturi ekonomiċi;

(ċ) il-kontroll, is-sorveljar u l-ippoċessar ta' fondi minn sorsi esterni u l-ko-ordinament ta' kif għandhom ikunu fformulati pjani futuri;

(d) l-*assessments* finanzjarji u ekonomiċi ta' l-oqsma kollha li jkunu jaqgħu taħt is-sezzjoni jew Dipartiment tiegħu/tagħha;

(e) l-identifikar u, jekk jista' jkun, il-kisba ta' kull opportunità ta' żvilupp ekonomiku li minnha jistgħu jiggwadanjaw is-sezzjoni jew id-dipartiment partikolari;

(f) kull xogħol ieħor relatat ma' finanzi u ekonomija.

4.1 *Job Description* dettaljata tista' tinkiseb mid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, (Taqsima tar-Riżorsi Umani), 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

5. L-applikanti għandhom:-

(i) ikunu ċittadini ta' Malta;

(ii) ikollhom ta' l-anqas *first degree* fl-Ekonomija, Statistika, *Accountancy,* Kummerċ, *Finance* jew *Banking* jew lawrija oħra rikonoxxuta, jew kwalifiki professjonali ekwivalenti, b'waħda minn dawn id-dixxiplini bħala suġġett prinċipali. Jiġu kkunsidrati wkoll dawk il-kandidati li jkollhom mill-anqas lawrja bl-unuri fil-*Public Policy,* jew Relazzjonijiet Internazzjonali jew Studji Ewropej, basta jkunu temmew b'suċċess *credits* fl-Ekonomija jew Finanzi jew Statistika.

(iii) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP47);* l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Puliżija mhux iżjed minn sitt (6) xhur qabel id-data ta din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern u jagħtu d-dettalji).

6. Il-kwalifiċi u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

7. Bord ta' għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

of economic and financial policies and plans in connection with roles and functions of particular Sections or Departments;

(b) assistance to the senior management in promoting and facilitating inter-departmental co-operation, collaboration and sharing of information in connection with economic trends and indicators;

(c) the management, monitoring and processing of funding from external bodies and the co-ordination of the formulation of future plans;

(d) the carrying out of financial and economic assessments of all sectors falling under his/her Section or Department;

(e) the identification and pro-active pursuance of any economic development opportunities, which may be of benefit to particular Sections or Departments;

(f) any other duties related to finance and economy.

4.1 A detailed job description may be obtained from the Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment (Human Resources Section), 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

5. Applicants must:

(i) be citizens of Malta;

(ii) be in possession of at least a recognized first degree in Economics, Statistics, Accountancy, Commerce, Finance or Banking or any other recognized degree, or equivalent professional qualifications with any of these disciplines as a major area of study. Candidates with at least an Honours Degree in Public Policy, or in International Relations, or in European Studies, would be considered, provided that they have successfully obtained course credits in Economics or Finance or Statistics;

(iii) be of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Public Service must produce a Police certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

6. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates andċor testimonials. (Photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

7. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

8. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġu aċċertati li huma adattati għal dan il-post.

9. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

jew jinkisbu mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministerugħall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

10. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, (Taqsima tar-Riżorsi Umani) 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Jannar, 2004.

11. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal fil-Ministeru mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tal-Ministeru huwa 0356-21 224 944).

12. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal lid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi tal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbgħat irċevuta bil-posta mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi tal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent fi żmien sebat (7) ijiem.

Il-25 ta' Novembru, 2003

8. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

9. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.mt/resourcing/downloads.htm

or obtained from the Human Resources Section, Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

10. Applications will be received in the first instance by the Director, Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, (Human Resources Section), 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, by not later than noon of Friday, 2nd January 2004.

11. Applications received from abroad through a fax or other similar message, by the closing date, may be considered provided that all requisite details are given. The formal application, duly signed by the applicant, must reach the Ministry by not later that one week after the closing date of applications, together with an explanation for the delay. (The fax number of the Ministry is 0356-21 224 944).

12. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director, Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead-line. The applications will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment within seven (7) days.

25th November, 2003

MINISTRY OF FOREIGN AFFAIRS
(www.foreign.gov.mt)

Scholarships in Greece 2004/2005

The Alexander S. Onassis Public Benefit Foundation is offering research scholarships grants and educational scholarships in three categories for the academic year 2004/2005.

Category A Research Grants
Category B Educational Scholarships (for teachers of Greek Language, History and Civilisation)
Category C Educational Scholarships (for Postgraduate students and Ph.D. candidates)

The programme covers the following fields only:
•Humanistic Sciences: Philology, Literature, Translation, Linguistics, Theology, History, Archaeology, Philosophy, Educational Studies

•Political Science: Sociology, Anthropology, Public Administration, International Relations, Mass Media
•Law
•Economics
•Architecture
•Arts: Visual Arts, Music, Dance Theatre, Photography, Film Studies.

Further information is available from the Scholarships Section of the Ministry of Foreign Affairs, Valletta or the Ministry Website (www.foreign.gov.mt/news/scholarships), as well as from the Foundation' website: www.onassis.gr.

Application forms may be obtained by e-mail to foreigners@onassis.gr, or by post or by fax (0030 - 210 - 371 - 3010) and submitted to the Foundation's Secretariat: 7 Aeschinou Street, 105 58 Plaka, Athens by not later than 31st January 2004.

Applicants will be informed of the results by mail in the end of July 2004.

25th November, 2003

MINISTRY OF FOREIGN AFFAIRS

Research Scholarship Programme and Internships in Rome 2004
(for Maltese Citizens only)

The International Institute for the Unification of Private Law (UNIDROIT) is offering two to four months Research Scholarship Programme and internships for a minimum of three months in Rome.

The Research Scholarship Programme is intended for top-level lawyers and Civil Servants who are involved in uniform private law, while internships are intended for law students of Ph.D or postgraduate level with a special interest in comparative law, international law or private international law. Graduate translators specialised in the legal field may also apply.

A good knowledge of English and/or French is indispensable for the Research Scholarship and Internships.

The Research Scholarship Programme covers part or all of the cost of living in Rome for the designated period but beneficiaries are in principle expected to meet their own travel expenses.

Those applying for the Internships must be covered by an appropriate insurance policy against illness and accidents which may occur during their stay in Rome.

A completed application form, which may be downloaded from the Unidroit website (www.unidroit.org/english/main.htm), should reach the Unidroit Scholarships Office at the address below by not later than 31st March 2004.

UNIDROIT Research Programme
Via Panisperna 28
00184 Rome, Italy
Fax: (0039 - 066 - 994 - 1394)
E-mail: unidroit.rome@unidroit.org
Homepage: http://www.unidroit.org

Further information is also available from the Ministry of Foreign Affairs, Valletta or the Ministry's Website (www.foreign.gov.mt/news/scholarships) or from the Unidroit website, (www.unidroit.org).

25th November, 2003

MINISTERU TAL-FINANZI
U L-AFFARIJIET EKONOMIĊI

Riżultat ta' l-Intervista għall-Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Programme Manager (Paying Authority)* fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Internazzjonali, Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi

Ir-riżultat ta' l-intervista għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board*s rispettivi fil-Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi, Maison Demandols, Triq in-Nofsinhar, Valletta u fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-25 ta' Novembru, 2003

MINISTRY OF FINANCE
AND ECONOMIC AFFAIRS

Result of the Interview for the Engagement on Contract in the Position of Programme Manager (Paying Authority) in the Department of International Relations, Ministry of Finance and Economic Affairs

The result of the interview for the above-mentioned post has been published and can be seen on the respective notice-boards at the Ministry of Finance and Economic Affairs, Maison Demandols, Triq in-Nofsinhar, Valletta, and at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

25th November, 2003

AWTORITÀ MALTIJA DWAR L-I*STANDARDS*

Abbozz ta' *National Annexes* għal Kummenti tal-Pubbliku

L-Abbozz ta' l-Anness Nazzjonali għall-i*standard MSA EN 1990:2002 Eurocode 1: Basis of Structural Design* u l-abbozz ta' l-Anness Nazzjonali għall-i*standard MSA EN 1991-1-1:2002 Eurocode 1: Actions on Structures Part 1.1: General Actions - Densities, Self-Weight, and Imposed Loads for Buildings,* ġew ippreparati mill-Kumitat Tekniku MSA/TC/250 u jistgħu jinkisbu mill:-

Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*
Direttorat ta' l-Istandardizzazzjoni
It-Tieni Sular, Binja Evans,
Triq il-Merkanti, Valletta VLT 03
Tel: 21 242 420
Fax: 21 242 406
e-mail: info@msa.org.mt
url: www.msa.org.mt

Il-Kummenti li għandhom jitqiegħdu quddiem il-Kumitat Tekniku għall-konsiderazzjoni tiegħu se jibqgħu jintlaqgħu sal-25 ta' Jannar 2004. L-Abbozzi ta' l-Anness Nazzjonali jistgħu jkunu modifikati qabel ma jinħarġu bħala Annessi Nazzjonali għal Malta.

Il-25 ta' Novembru, 2003

MALTA STANDARDS AUTHORITY

Draft National Annexes for Public Comment

Draft National Annex to standard MSA EN 1990:2002 Eurocode 1: Basis of Structural Design and draft National Annex to standard MSA EN 1991-1-1:2002 Eurocode 1:Actions on Structures Part 1.1: General Actions - Densities, Self-Weight, and Imposed Loads for Buildings, have been prepared by Technical Committee MSA/TC/250 and are available from the:-

Malta Standards Authority
Standardization Directorate
Second Floor, Evan Building
Triq il-Merkanti, Valletta VLT 03
Tel: 21 242420
Fax: 21 242406
e-mail: info@msa.org.mt
url: www.msa.org.mt

Comments are welcome up to the 25th January 2004, to be considered by the above mentioned Technical Committee. The National Annexes may be modified before issued as the National Annexes for Malta.

25th November, 2003

UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI ĠUSTA

Deċiżjoni

CCD/M/66/03

20 ta' November, 2003

Deċiżjoni fuq Akkwist skond Regolament 6(1)(ii) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet (A.L. 294 ta' l-2002).

L-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta,

Wara li kkonsidra n-notifikazzjoni tat-2 ta' Ottubru, 2003 ai termini tar-Regolament 5 ta' l-A.L. 294 ta' l-2002;

Wara li kkonsidra l-provvedimenti tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet ta' l-2002 (A.L. 294 ta' l-2002);

Wara li kkonsidra l-ġurisprudenza odjerna ta' l-Unjoni Ewropea u dik oħra barranija.

Il- Fatti

1. Fit-2 ta' Ottubru ta' l-2003, is-Sur Louis Farrugia ta' l-intrapriża Simonds Farsons Cisk plc (aktar 'l isfel imsejħa Farsons) bħala *Managing Director/CEO* intavola n-notifikazzjoni fl-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta (aktar 'l isfel imsejjaħ OFC) ta' l-akkordju bejn Farsons u Guido Vella, *sole trader*, u sid ta' stabbiliment kummerċjali *cash and carry* (aktar 'l isfel imsejjaħ Guido Vella) li permezz tiegħu Farsons se jakkwista l-operazzjonijiet ta' Guido Vella bl-esklużjoni ta' debiti u debituri ta' l-istess negozju suespost.

2. L-intavolar u l-aċċettazzjoni ta' tali notifikazzjoni ġie mgħarraf lill-pubbliku permezz ta' Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern Numru 17,483 nhar il-Ħamis 9 ta' Ottubru, 2003 u avviż f'dan ir-rigward deher f'gazzetta lokali nhar is-Sibt 11 ta' Ottubru, 2003.

Il-Partijiet

3. F'dan il-każ il-partijiet fl-akkordju huma Farsons u Guido Vella. Farsons hija intrapriża kkostitwita minn Grupp ta' kumpaniji. Hija topera fis-suq tal-produzzjoni u l-bejgħ tal-birra, bejgħ ta' xorb manifatturat minn ditti oħrajn, inklużi nbejjed u spirti u l-operazzjoni. Hija wkoll topera *franchised food retailing establishments*. L-operazzjonijiet tagħha jsiru, prinċipalment, fis-suq lokali.

4. L-importazzjoni u l-bejgħ bl-ingrossa ta' xorb in ġenerali minn Farsons isir tramite s-sussidjarji Wands Limited u Anthony Caruana and Sons. Il-*cash and carry* ta' xorb in ġenerali jsir mis-sussidjarja Bon Vivant.

OFFICE FOR FAIR COMPETITION

Decision

CCD/M/66/03

20th November 2003

Decision on Acquisition in terms of Regulation 6(1) (ii) of Regulations on Control of Concentrations (LN 294 of 2002)

The Office for Fair Competition,

Having considered the respective notification of 2nd October 2003 pursuant to Regulation 5 of L.N. 294 of 2002;

Having considered the provisions of the Regulations on Control of Concentrations, 2002 (LN 294 of 2002);

Having considered EC and other foreign jurisprudence.

Facts

1. On 2nd October 2003 Mr. Louis Farrugia (Managing Director/CEO) of Simonds Farsons Cisk plc (hereinafter referred to as Farsons) has notified the Office for Fair Competition (hereinafter referred to as OFC) with an agreement between Farsons and Guido Vella, a sole trader, owner of a cash and carry outlet (hereinafter referred to as Guido Vella) according to which Farsons is to acquire all the operations of Guido Vella on a going concern basis, except for debtors and liabilities of the business.

2. The filing and the acceptance of such notification was notified to the public through a public notice in the Government Gazette number 17,483 on Thursday 9th October 2003 and a notice that appeared in a local newspaper on 11th October 2003.

Parties

3. In this case the parties to the agreement are Farsons and Guido Vella. Farsons consists of a Group of companies whose operations consist in the brewing, production and sale of beer and branded beverages, the importation and sale of beverages including wines and spirits and the operation of franchised food retailing establishments. These operations are carried out, primarily, on the local market.

4. Importation and wholesale of beverages by Farsons is carried out through its subsidiaries Wands Limited, and Anthony Caruana and Sons. Cash and Carry of beverages is done through its subsidiary Bon Vivant.

5. Guido Vella huwa *sole trader*. L-attività kummerċjali tikkonċerna prinċipalment il-bejgħ bl-ingrossa u l-imnut ta' xorb alokoholiku u non-alkoholiku u prodotti relatati li jinkludu nbejjed u spirti, *soft drinks,* birra, ħelu u sigaretti. Guido Vella jimporta prodotti partikulari, partikularment birra u spirti direttament minn fornituri barranin. Dawn il-prodotti sussegwentement jinbiegħu minn Guido Vella bl-ingrossa u l-imnut. Guido Vella jopera tramite stabbiliment *cash and carry* li jinsab fi Triq Amleto Spiteri, Qormi. Huwa jopera prinċiplament fis-suq lokali.

Konċentrazzjoni Notifikabbli

6. It-tranżazzjoni notifikata li permezz tagħha Farsons akkwista l-kontroll dirett ta' Guido Vella huwa konċentrazzjoni skond Regolament 2 (d) (ii) tar-Regolamenti fuq il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet.

7. Regolament 2(d)(ii) tiddefinixxi akkwist bħala tranżazzjoni li fiha jsir l-akkwist minn intrapriża waħda jew aktar minn waħda jew minn persuna waħda jew aktar li jkunu diġà jikkontrollaw ta' l-inqas xi intrapriża waħda, sew b'xiri ta' titoli jew ta' assi, b'kuntratt jew b'kull mezz ieħor, ta' kontroll dirett jew indirett ta' intrapriża jew intrapriżi sħaħ, jew ta' partijiet minnhom.

8. F'dan il-każ, il-konċentrazzjoni proposta hija l-akkwist ta' kontroll dirett minn Farsons ta' Guido Vella permezz ta' kuntratt.

Threshold li jiskatta l-obbligu ta' notifikazzjoni

9. It-*threshold* ta' l-intrapriżi parti f'din it-tranżazzjoni fis-sena finanzjarja preċedenti qabżet it-*turnover* totali kkontemplata minn Regolament Numru 2 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet.

Evalwazzjoni

Is- Suq Rilevanti

10. Id-definizzjoni korretta tas-suq hija "pre-kondizzjoni neċessarja" għall-eżami tal-kompetizzjoni li tista' tiġi affettwata mill-aspetti orizzontali ta' konċentrazzjoni[i].

11. L-industrija lokali tax-xorb hija strutturata kif gej:

    i) Is-suq *upstream* jikkonsisti mill-manifattura u l-importazzjoni tax-xorb;
    ii) It-tieni livell tas-suq, jiġifieri, dak il-livell bejn is-suq *upstream* u dak *down stream*, jikkonsisti mill-bejgħ bl-ingrossa ta' xorb immanifatturat lokalment, kif ukoll mill-bejgħ bl-ingrossa ta' xorb impurtat; u

5. Guido Vella is a sole trader. His operations concern primarily of the sale by wholesale and retail of alcoholic and non-alcoholic branded beverages and related products including wines and spirits, soft drinks, beer, water, confectionary and cigarettes. Guido Vella also imports specific products namely beer and spirits directly from foreign suppliers. These products are subsequently sold on a wholesale and retail basis. Guido Vella operates through a cash and carry retail outlet situated at Amleto Spiteri Street, Qormi. These operations are carried out on the local market.

Notifiable Concentration

6. The notified operation whereby Farsons acquires the direct control of Guido Vella, is a concentration within the meaning of Regulation 2 (d) (ii) of the Regulations on the Control of Concentrations.

7. Regulation 2(d) (ii) refers to the acquisition by one or more undertakings or by one or more persons already controlling at least one undertaking, whether by purchase of securities or assets, by contract or by any other means, of direct or indirect control of the whole or parts of one or more undertakings.

8. In this case, the proposed concentration is to be the acquisition of direct control by Farsons of the direct control of Guido Vella by means of a contract.

Threshold for Notification

9. The aggregate turnover of the parties concerned in the preceding financial year exceeds that contemplated in Regulation 2 of the Regulations on Control of Concentrations.

Assessment

The relevant market

10. The proper definition of the market is a "necessary predicate" to an examination of the competition that may be affected by the horizontal aspects of a concentration[i].

11. The local beverage industry is structured as follows:

    i) the upstream market includes consists of the Manufacture manufacture and the Imports importation of beverages;
    ii) the second level of the market, that is, that level between the upstream and down stream includes consists of the Wholesale wholesale of locally manufactured beverages, as well as, the Wholesale wholesale of imports ofed beverages; and

iii) Is-suq *down stream* jikkonsisti mill-bejgħ bl-imnut ta' xorb immanifatturat lokalment, kif ukoll mill-bejgħ bl-imnut ta' xorb impurtat.

12. Għalhekk, hemm tliet swieq rilevanti separati – wieħed li għandu x'jaqsam mal-manifattura u l-importazzjoni tax-xorb, wieħed li għandu x'jaqsam mal-bejgħ bl-ingrossa ta' xorb immanifatturat lokalment u ta' dak impurtat u wieħed li jikkonċerna l-bejgħ bl-imnut ta' xorb immanifatturat lokalment u ta' dak impurtat.

13. Oltre dan, is-suq għall-bejgħ bl-imnut ta' xorb immanifatturat lokalment u ta' dak impurtat huwa subdiviż f'żewġ kategoriji prinċipali: a) il-bejgħ bl-imnut minn ħwienet *cash and carry*, *supermarket*, *grocers* u *discount stores* intiż għall-konsum barra mill-post; u b) il-bejgħ bl-imnut minn *HORECAS* (lukandi, restoranti, barijiet u stabbilimenti oħrajn tal-*catering*), li f'dan il każ għandhom x'jaqsmu primarjament mal-konsum ta' xorb fuq il-post.

14. Sa fejn għandu x'jaqsam il-bejgħ bl-imnut ta' xorb barra mill-post, l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta jikkonsidra li l-bejgħ bl-imnut ta' xorb minn *supermarkets*, *grocers*, u *discount stores* jaqa' f'suq li huwa differenti minn dak ta' ħwienet *cash and carry* għax-xorb. Dan huwa minħabba l-fatt li xerrejja fi *grocers*, *supermarkets*, u *discount stores*, frekwentement jixtru affarijiet ta' l-ikel oħrajn barra mix-xorb, u ġeneralment ma jmorrux għand *supermarkets, grocers*, jew *discount stores* bil-għan li jixtru esklużivament jew primarjament xorb. Barra dan, ġeneralment, is-*supermarkets*, *grocers* u *discount stores* ma jbiegħux xorb bl-ingrossa. Għal din ir-raġuni, *supermarkets*, *grocers*, u *discount store*s ma ġewx meqjusa bħala *sub-market* tal-ħwienet *cash and carry* għax-xorb[ii] iżda bħala suq separat. F'dan il-każ is-suq ġeografiku rilevanti hija l-gżira ta'Malta, minbarra Għawdex, speċjalment għaliex il-kumpanija akkwistata kellha klijentela tagħha stabbilita l-aktar f'Malta.

15. Il-konċentrazzjoni ma ġietx meqjusa li tqajjem problemi għall-kompetizzjoni fis-suq għall-manifattura u l-importazzjoni tax-xorb għaliex l-intrapriża akkwistata mhijiex involuta fin-negozju tal-manifattura u timporta biss sehem negliġibbli mill-ammont totali tax-xorb impurtat f'Malta. Inkwantu għas-suq ta' l-ingrossa, il-bejgħ bl-ingrossa ta' l-intrapriża akkwistata b'relazzjoni għal bejgħ tagħha bl-imnut huma minimi u b'relazzjoni għall-bejgħ bl-ingrossa tax-xorb f'Malta huma negliġibbli. Hekk fiż-żewġt iswieq l-effetti orizzontali tal-konċentrazzjoni huma minimi, meta wieħed jikkunsidra n-numru ta' bejjiegħa bl-ingrossa f'Malta u t-tnaqqis tal-*barriers to entry* għall-importazzjoni tax-xorb. L-evalwazzjoni hekk iffukat fuq is-suq għall-bejgħ bl-imnut ta' xorb immanifatturat u dak impurtat.

iii) the down stream market is thenconcerns the retail of locally manufactured beverages and the retail of imported beverages.

12. In this case, there are thus three separate relevant markets – one concerning the manufacture and importation of beverages, one concerning the wholesale of locally manufactured and imported beverages and one concerning the retail of locally manufactured and imported beverages.

13. Moreover the market for the retail of locally manufactured and imported beverages is further subdivided into two main categories: a) the retail done through cash and carry outlets, supermarkets, grocers and discount stores intended for off-premises consumption; and b) the retail done through HORECAS (hotels, restaurants, bars and other catering establishments), which in this case are concerned primarily with the consumption of beverages on premises.

